# NEĦTIEĠU AĦNA EVANĠELJU ĠDID GĦAL DAN IŻ-ŻMIEN ĠDID?

## A.

1. Qed ngħixu fi żmien ġdid
    a. Metodi ġodda
    b. Invenzjonijiet ġodda
2. Seklu għoxrin - ħafna sejbiet ġodda.
    a. Ebda perjodu ieħor ta' żmien ma kien mimli b'avvanzi.
        i. b'riċerki xjentifiċi f'investigazzjoni filosofika.
        ii. Invenzjonijiet mekkaniċi.
3. Pietru u Pawlu ma kienu jafu xejn dwar:
    a. L-ajruplani.
    b. Il-karozzi.
    c. Id-dawl elettriku.
    d. It-telefon.
    e. Ir-radju.
    f. It-televiżjoni.
    g. U elf ħaġa oħra.
4. Użanzi u metodi ġodda jikkonfrontawna fuq kull naħa.
5. Kull ġenerazzjoni tagel il-kontribuzzjoni tajba tagħha.
6. Aħna milqgħu dan il-progress.

## B.

1. Neħtieġu aħna evanġelju ieħor għaż-żmien modern tagħna?
2. Billi ħafna affarijiet huma ġodda, għaliex ma jkollniex evanġelju ġdid ukoll?
3. Għandna aħna nkomplu nħabbru l-istess storja antika minkejja l-progress u l-kondizzjonijiet dejjem jinbidlu?
4. Jilqa' l-Evanġelju, kif kien ippridkat mill-appostli 1900 sena ilu, il-bżonnijiet tan-nies ta' dan iż-żmien modern spazjali?
5. Ħafna mexxejja reliġjużi taż-żmien tagħna ma jippridkawx dak kollu li tgħallem il-Bibbja.
    a. Huma jippruvaw jiskużaw lilhom infushom billi jgħidu:
    b. "L-Evanġelju kif irrivelat mill-appostli ta' Ġesù kien tajjeb għaż-żmien tiegħu, imma dan ma jiffitjax għall-kondizzjonijiet preżenti. Bidla fil-kondizzjonijiet titlob bidla fl-evanġelju. Aħna għandna ninutawh biex jarmonizza mal-melodija tal-progress. Għandna nżommu l-pass maż-żminijiet."

## Ċ.

1. Nistaqsi jien: Il-Kelma antika ta' Alla laqgħet il-ħtiġijiet tal-bniedem antik?
    a. Dawk li jistudjaw l-istorja huma sfurzati biex iwieġbu "iva."
    b. Ġesù ddependa fuq il-Kelma l-antika.
        i. Tentazzjoni minn Satana - Mattew 4.
        ii. Ġesù dejjem wieġeb għal kull tentazzjoni bi kwot-zzoni mill-Kelma t'Alla.
        iii. "*Hemm miktub*" Ġesù wieġeb kull darba.
        iv. Ġesù ddependa fuq kliem minn Alla li kienu miktuba 1500 sena qabel il-ħajja Tiegħu fuq l-art.
    ċ Id-dottrina ta' Kristu biddlet il-ħajja tad-dixxipli Tiegħu.
        i. Wara li huma semgħu u segwew it-tagħlim tal-Mulej tagħhom, Ġesù kien jista' jgħid: "intom ġa ndaf min-ħabba l-kelma li għedtilkom." (Ġwanni 15:3).
        ii. L-Evanġelju l-antik naddaf lin-nies mid-dnub.
    d. Fl-ewwel Pentekoste wara l-qawmien ta' Kristu, kien hemm nies minn kull nazzjon.
        i. F'din l-udjenza kien hemm qlub iebsa.

   ii. Kien hemm dawk li kienu talbu biex jinħeles ħalliel minflok is-Salvatur tad-dinja u għajtu "Sallbu! Sallbu!.
   iii. Kien hemm dawk li kienu beżqu fuqu.
ċ. Fit-tmiem tal-priedka huma kienu milqutha f'qalbhom
   i. Huma staqsew lil l-appostli "*X'għandna nagħmlu*?"
   ii. Pietru, iggwidat mill-Ispirtu s-Santu qalilhom: "Indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet." (Atti 2:38)
   iii. U hawn, meta għal l-ewwel darba, l-messaġġ sħiħ ta' l-Evanġelju kien imxandar "*tlitt elef ruħ tgħammdu…*"
   iv. L-Evanġelju kien biżżejjed għall-konverżjoni tan-nies ta' l-ewwel seklu.
d. Ċertament lit-Testment il-Ġdid kien kapaċi li jibdel il-ħajja ta' nies midinba fiż-żminijiet l-antiki.
e. L-Evanġelju tahom tama fil-ħin tal-mewt tagħhom, fejn naqraw dwar l-appostlu Pawlu:

> "*Għax jien issa wasalt biex demmi jkun offrut b'sagrifiċċju, u ż-żmien tat-tluq tiegħi wasal. Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja tiegħi, żammejt il-fidi: Min'issa 'l qud-diem hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ħaqq, li l-Mulej, l-imħallef ġust, jagħtini f'dak il-jum; u mhux biss lili, iżda wkol lil dawk kollha li jħobbu d-dehra tiegħu*" (2 Timotju 4:6-8).

**D.**

**INBIDEL IL-BNIEDEM?**

1. Il-bżonnijiet tiegħu ma nbidlux. Dawn huma l-istess.
   a. In-natura umana ma kinetx mibdula bil-mgħodija tas-snin.
   b. Il-bżonnijiet tal-bniedem ma nbidlux sa minn żmien l-appostli.
   c. Hu għadu magħmul mill-**istess** materjal.
   d. Sakemm in-natura tal-bniedem hija kkonċernata, Pietru u Pawlu huma nies moderni.
   e. Il-bniedem xorta għadu jeħtieġ l-ilma, il-ħobż, l-arja u d-dawl tax-xemx.
   f. Il-bniedem għadu jimrad u fil-bżonn ta' tabib.
   g. **Ħadd ma jargumenta li billi aħna qegħdin ngħixu fiż-żmien modern ta' l-ispazju neħtieġu ilma differenti, arja differenti, jew xemx differenti!**
   h. Użanzi u metodi jistgħu jinbidlu, imma sakemm il-bniedem huwa bniedem, l-istess elementi materjali jkunu meħtieġa għall-ħajja fiżika.

2. **Lanqas ma nbidlu l-bżonnijiet spiritwali tal-bniedem**.
   a. Ġesù xorta għadu l-ħobż tal-ħajja għal dawk bil-ġuħ (Ġwanni 6:51).
   b. Ġesù xorta għadu l-ilma tal-ħajja għal dawk li huma bil-għatx (Ġwanni 7:37).
   c. Ġesù xorta għadu d-dawl għall-għomja (Ġwanni 8:12).
   d. Ġesù xorta għadu dak li jfarraġ għal dawk ta' qalb maqsuma (Mattew 14:1).
   e. Ġesù għadu l-mistrieħ għal dawk għajjiena (Mattew 11:28-30).
   f. Ġesù xorta għadu t-tabib għal dawk morda spiritwalment (Mattew 9:10-13)
3. Minkejja l-kondizzjonijiet li jinbidlu, il-qlub tal-bnedmin huma l-istess u jinsabu fil-bżonn ta' l-istess elementi biex iżommuhom.
   a. Il-bniedem modern għandu **l-istess** xewqat, impulsi u inklinazzjonijiet kif kellu l-bniedem l-antik.
   b. Għalhekk, il-bżonnijiet morali u spiritwali tal-bniedem modern huma bħal dawk tal-bniedem l-antik.
   c. Jekk l-Evanġelju laqgħa l-bżonnijiet tal-bniedem l-antik, dan jilqa' wkoll il-bżonnijiet tal-bniedem modern.
   d. Ġesù jgħidilna*:* ***"Iż-żerriegħa hi l-kelma ta' Alla*** " (Luqa 8:11).

**E.**

**IL-MARDA SPIRITWALI TAL-BNIEDEM INBIDLET?**

1. Id-dnub fin-natura tiegħu ma nbidilx.
   a. Kieku l-marda nbidlet, forsi r-rimedju għandu jibidel ukoll.
   b. Imma d-dnub għadu l-istess fin-natura tiegħu.
   c. Id-dnub għadu l-istess vizzjuż, destruttiv, u degratanti daqs kemm dejjem kien.

d. Lin-nies ta' l-antik, l-appostlu Pawlu qal*: "Dak li l-bniedem jiżra', dak li jaħsad*" (Galatin 6:7).
e. **Dik ir-regola hija moderna daqs il-gazzetta tal-lum!**

2. Ebda dnub ġdid ma żviluppa.
   a. Id-dnub kien żviluppat għal kollox qabel iż-żmien ta' l-Evanġelju.
   b. **U jekk aħna ma nistgħux insibu żieda għal lista tad-dnubiet, għaliex nitolbu għal żieda ma' l-Evanġelju?**
   c. L-Evanġelju kien mgħoti biex jittratta mad-dnub kif sabu Ġesù.
   d. Jekk xi ħadd jaħseb li hemm xi dnubiet li huma moderni, mhux magħrufa għaż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid, ngħidlu biex jaqra Rumani kapitlu wieħed u Galatin kapitlu ħamsa.
   e. Ma hemm ebda dnub lid-dinja li waqfet milli tipprattikah!
   f. Xi individwi waqfu milli jipprattikaw ċerti dnubiet, imma d-dinja ma waqfetx!
   g. Sakemm id-dnub jibqa' pprattikat, l-Evanġelju għandu jkun ippridkat kollu kemm hu.
   h. Dan iffiser sat-tmiem taż-żmien, u ma hemm ebda ħtieġa li tnaqqas minnu jew liż-żid miegħu!
3. Ladarba d-dnub huwa l-istess fin-natura tiegħu, l-istess rimedju li kien kapaċi li jikkurah fiż-żmin ta' l-Evanġelju huwa kapaċi li jikkurah illum jekk dan ikun applikat għall-qlub tan-nies!
   a. Dak ir-rimedju huwa l-Evanġelju ta' Kristu: "***Għax hu l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu;…***" (Rumani 1:16).

**F.**

**ID-DINJA MADWAR IL-BNIEDEM INBIDLET?**

1. Tentazzjonijiet ma nbidlux.
   a. Id-dehra ta' barra forsi nbidlet, imma d-dinja hija l-istess.
   b. Il-bniedem għadu joqtol, jisraq, jikkommetti adulterju, eċċ.
   c. L-istess motivi wasslu għal kriminalitajiet bħal dawn fl-antik.
   d. Lid-dinja ta' l-antik, l-appostlu Pawlu ddikjara li "*l-imħabba tal-flus hi l-għerq tad-deni kollu*" (1 Timotju 6:10).
2. In-natura tat-tentazzjonijiet ma nbidlitx.
   a. Il-bniedem dejjem kien ittantat mill-istess **tliet** modi.
      i. Ix-xewqat tal-ġisem.
      ii. Ix-xewqat ta' l-għajnejn u,
      iii. l-kburija tal-ħajja.
      iv. 1 Ġwanni 2:6 - "*Għax kul ma hemm fid-dinja, xewqat ħżiena tal-ġisem, xewqat ħżiena tal-għajnejn, u l-kburija tal-ħajja, mhux ġej mill-Missier, imma mid-dinja.*"
   b. Eva kienet ittantata permezz ta' dawn it-tliet modi.
      i. "*U xħin il-mara **rat** li s-sġra kienet tajba għall-ikel, u li kienet tgħaxxaq **fil-għajn**, u s-siġra ta' min jixtieqha **biex wieħed isir għaref**, ħadet minn frottha, u kielet u tat ukoll lil żewġha li kien magħha; u kiel*" (Ġenesi 3:6).
      ii. Ġesù wkoll kien ittanta f'dawn it-tliet modi. Imma Hu ma dinibx (Mattew 4; Lhud 4:15).
   ċ. Kull tentazzjoni li bniedem jesperjenza llum tiġi permezz ta' wieħed minn dawn it-tliet modi.
      i. L-**aptiti** tal-bniedem—ix-xewqa tal-ġisem—għandhom parti prominenti fid-dinja tad-dnub tal-lum, l-istess kif kienu fi żmien Ġesù.
      ii. Id-dnubiet joħorġu minn dak lin-nies **jaraw** li mhuwiex qaddis—ix-xewqat ta' l-għajnejn—huma prevalenti llum daqs kemm kienu fi żmien Ġesù.
      iii. Kburija (suppervja), ambizzjoni, u xewqa għal postijiet għola (eżaltazzjoni)—il-ftaħir fieragħ tal-ħajja—għadu jipproduċi l-istess dnub antik u niket.
   d. L-Evanġelju kien mogħti biex iħares lill-bniedem kontra dawn it-tentazzjonijiet.
      i. Sakemm inkunu għadna ttantati f'dawn il-modi, aħna nibqgħu neħtieġu l-Evanġelju mingħajr xi ħaġa miżjuda jew imnaqqsa minnu.
      ii. Dan ikun sa l-aħħar taż-żmien.

**Ġ**

**L-AVVERSARJU TAL-BNIEDEM INBIDEL?**

1. Satana, ix-xitan, ma nbidilx.
   a. Satana għadu qed jaħdem permezz ta' l-aġenti tiegħu, qerq, iħajjar, ifittex lil min se jibla'.

   i. Lin-nies ta' l-antik, l-appostlu Pietru qal: "*Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun igħajjat, idur u jfittex 'il min sa jibla*'" (1 Pietru 5:8).

b. Ix-xitan jirnexxielu jibla' ħafna erwieħ permezz tat-tentazzjonijiet u ta' l-qerq tiegħu.
   i. Ħafna mill-invenzjonijiet tiegħu huma mill-aktar li jqarqu fid-dehra tagħhom:
   ii. L-appostlu Pawlu jgħid bi twissija:

      "*Dawn l-appostli foloz, ħaddiema qarrieqa, ibiddlu lilhom infushom f'appostli ta' Kristu. Mhux għaġeb, għax Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl.Mhix ħaġa kbira, mela, jekk il-qaddejja tiegħu jitbiddlulek bħallikieku kienu qaddejja tal-ġustizzja. Iżda tmiemhom ikun skon għemilhom*" (2 Korintin 11:13-15).

ċ. Ix-xitan għadu jħajjar lin-nies għad-dnub permezz ta' modi tal-ġmiel, u permezz ta' affarijiet li jogħoġbu lis-sensi umani.

d. Hu għadu jidher jħajjar lin-nies permezz ta' l-aġenti tiegħu li jidhru li huma ministri tad-dawl.
   i. Xi nies jistqarru li huma predikaturi ta' l-Evanġelju li attwalment huma ministri foloz.
   ii. Minn xi predikaturi joħorġu dottrini foloz, eżaltazzjonijiet tal-bniedem 'il fuq minn dak li hu divin.
   iii. Enfasi fuq id-dottrini tal-bnedmin minflok fuq dik ta' l-Iskrittura Mqaddsa.

e. L-avversarju tal-ġustizzja ma nbidilx.
   i. Ma hemm ebda ħtieġa għall-bidla fl-arma li għandha tintuża kontrih.
   ii. Il-Kelma ta' Alla għad għandha l-istess qawwa li kellha meta kienet imħabba għal l-ewwel darba.
   iii. Din għadha "***l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni***" (Rumani 1:16).
   iv. Pietru jgħidilna li "***l-Kelma tal-Mulej tibqa' għal dejjem***" (1 Pietru 1:25).

## G.

## L-ISKOP TA' L-EVANĠELJU NBIDEL?

1. L-Evanġelju għadu l-unika qawwa li Alla ta biex isalva lir-ruħ tal-bniedem.
   a. Id-dnub għadu fid-dinja u għandu jkun ittrattat. "***Kulħadd dineb***" Rum. 5:12 jgħidilna.
   b. Kull persuna responsabbli tieqaf ikkundannata f'għajnejn Alla sakemm tobdi l-Evanġelju ta' Kristu (Rum. 3:23; 1 Pietru 1:22).
   c. Ir-ruħ ma tista' tkun ippurifikata f'ebda mod ieħor ħlief permezz ta' ubbidjenza għall-verità.
   d. Imbagħad, bħala tarbija mwielda mill-ġdid fi Kristu, il-Kristjan il-ġdid għandu jikber u jiżvi-luppa (2 Pietru 3:18; Atti 20:32).

## Ħ.

## TA ALLA MESSAĠĠ ĠDID?

1. Alla ma ta ebda messaġġ ġdid.
   a. Hu lanqas ma bidel dak l-antik (ara Galatin 1:6-9).
   b. Alla ntoduċa l-liġi tat-Testment il-Qadim permezz tal-mirakli.
   c. Fl-istess mod, Hu ntroduċa l-Evanġelju ta' Kristu.
   d. Aħna nsibu li meta l-Evanġelju **kollu** kien irrivelat, il-mirakli waqfu.
   e. Alla m'għandu xejn aktar xi jgħid b'żieda għar-rieda rrivelata Tiegħu (ara Ġuda 3).

## H.

## IL-VERITAJIET TA' L-EVANĠELJU NBIDLU?

1. Veritajiet ta' l-Evanġelju ma jistgħux jinbildu.
   a. Il-verità kollha hija hekk.
   b. L-għarfien jew in-nuqqas ta' għarfien tagħna tal-verità jista' jinbidel.
   c. Imma l-verità nfisha qatt ma tinbidel.
   d. "***Ġesù hu l-istess il-bieraħ, u llum, u għal dejjem***" (Lhud 13:8).
   e. Il-prinċipji Tiegħu ma jinbidlux.
   f. Il-Kelma ta' Alla, l-Evanġelju, jibqa' għal dejjem (1 Pietru 1:25; Luqa 21:33).
   g. Aħna nsibu li metodi, użanzi u stili jinbidlu ujkompli jinbidlu sakemm tibqa' d-dinja.

h. Imma dawn mhumiex l-affarijiet il-kbar tal-ħajja.
i. Dawn huma importanti, imma aħna nistgħu ngħaddu mingħajrhom.
j. Imma l-affarijiet il-kbar tal-ħajja—prinċipji tal-verità-dejjem huma l-istess f'kull post.
k. Dawn huma l-affarijiet essenzjali tal-ħajja.

2. L-evanġelju ta' Kristu huwa adegwat għas-salvazzjoni tal-bniedem illum.
   a. Imma sfortunatament għad hawn nies li dan ma jemmnuhx.
   b. Huma jridu evanġelju ġdid.
   c. Ukoll meta l-knisja kienet għadha fit-tfulija tagħha kien hemm membri tal-knisja li riedu li jtejbu (?) l-aħbar it-tajba dwar Kristu.
      i. L-appostlu Pawlu kiteb lill-knejjes f'Galazja f'Galatin 1:6-7:

      "*Jiena nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr tbegħidtu minn min sejħilkom fil-grazzja ta' Kristu u dortu lejn Evanġelju ieħor; mhux għax hemm xi Evanġelju ieħor, imma hemm* ***xi wħud*** *li qegħdin iħawdukom u jridu jaqilbu l-Evanġelju ta' Kristu.*"

3. Illum għadu neċessarju llum għall-bniedem li:
   a. Jisma' l-evanġelju.
   b. Jemmnu b'qalbu kollha.
   c. Jindem minn dnubietu.
   d. Jistqarr il-fidi tiegħu f'Ġesù bħala l-Iben divin ta' Alla, u,
   e. Li jitgħammed (skritturalment) għall-maħfra ta' dnubietu. (Mattew 28:19; Mk.16:16; Atti 2:38; 8:35-39; 22:16; Rum. 6:3-5).
   f. Għadu xorta meħtieġ għal Kristjan ġdid li jikber fil-grazzja u fl-għarfien, biex jipprattika l-prinċipji tar-reliġjon safja u mhux imniġġsa (2 Pietru 1:5-8).
4. Il-bniedem għadu l-istess kreatura dipendenti li dejjem kienet.
5. Il-bniedem għadu jeħtieġ li jħares il fuq lejn Alla l-Missier fit-talb.
6. Le, aħna ma neħtiġux Evanġelju ġdid imma li nistudjaw aktar l-Evanġelju oriġinali.